# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IT-TIENI KTIEB TA' L-1925


## KELMA LILL-ĦBIEB U OĦRA LIL L-EGĦDEWWA....

Ma mortx ħażin b'rasi u inqas ftaħart qabel il-ħin b'rîxna, mita għidt li bil-kotra tal-kittieba li jersqu lejna, aktarx ma jibqagħlix wisa' fejn inħażżeż kelmtejn jiena. U ma baqagħlix tas-sew! U sejjer ikolli xi ngħid ma' ħafna ħbieb, għax, wara li għażilt biex nimla dan it-tieni għadd tal-*Malti*, fadalli quddiemi biex nimla għadd ieħor, għalavolja xi kitbiet li ma jgħoddux għalina sa barra jew tajjarthom għal kollox jew qassastilhom il-ġwienaħ.

Mela, niżżi-ħajr lil dawk li qdejt u lil dawk li ma stajtx naqdi. Jekk għamilt ħażin, ma għamiltux għax ridt nagħmlu—qal il-Manzoni.

U, flimkien mal-Kittieba, niżżi-ħajr lil l-imseħbin li ġew bil-qtajja' wara l-ewwel ħarġa tal-*Malti*. Dawn nafuhulhom għal tliet ħwejjeġ: l-ewwel waħda, għax, bil-għajnuna tagħhom, żgurawlna ħajjitna; it-tieni, għax urew lill-għomi li l-ħidma tal-*Għaqda* għoġbithom; u, ta' l-aħħar, għax il-biċċa l-kbira fosthom, biex ma ngħidx kollha, huma nies tad-dehen u għolja, li isimhom isebbaħ kull-fejn jidher.

Fuq kollox, inbagħad, niżżi-ħajr lill-Kittieba bar-ranin—u fosthom hemm *Orientalisti* magħrufin mid-

dinja kif iddur — għax il-kelma tagħhom għamlitilna qlub ta' ġganti; u intom dik il-kelma—għad li mhux ta' kollha f'dan il-għadd, għax huma bosta — taqrawha iżjed il-quddiem, u taraw jekk għandniex ingemgmu mita t-tmaqdir u ż-żeblieħ lill-*Għaqda* jiġi min-nies tagħna, minn Maltin bħalna, waqt li l-għorrief ta' l-aqwa bliet ta' Barra ifaħħruha u jixtiequ jitfgħuha l-quddiem. M'hemmx li jiftħu għajnejhom? M'hemmx li jifhmu darba għal dejjem fejn irridu naslu u li fi ħsiebna ma tidħol b'xejn il-*Pulitka?*...

## "XINHU L-MALTI SAFI"

Bdan l-isem, il-Għaqda tagħna ħarġet it-taħdita li kien qara s-Sur Nin Cremona, fl-1 ta' marzu li għadda, lil l-imseħbin u lill-ħbieb tagħhom, miġburin fil-*Palazzo de la Salle.* Billi, mita nqrat, jien ma kellix ix-xorti nismagħha, għax kont marid, tistgħu tifhmu malajr kemm fraħt biha, xħin ġiet f'idejja l-kopja li bagħtli. Imma l-ferħ kiber wisq iżjed u fawwarli qalbi bil-hena, mita rajt kif is-Sur Cremona, li ħadd, ibda minni, ma jaf il-Malti daqsu, għaraf ifisser ta' Mgħallem x'jiġifieri *Malti safi* u mila bl-ilma ħluq dawk il-boloh li jaħsbuna — jew, għall-qerq ta' rashom, jagħmlu ta' bir-ruħhom jaħsbuna – irridu nagħmlu gwerra lit-Taljan, billi nwarrbu l-kliem kollu ta' dak l-ilsien mill-Malti u nqajmu kliem qadim li miet u ntisa! Jaqraw, jiflu, jiżnu x-xogħol tas-Sur Cremona; u, inbagħad, jekk għandhom ħila, imieruh bil-qawwa tar-raġuni.

Is-Sur Cremona għoġbu *jiddedika* l-ktieb tiegħu lili, għax (qal hu) kont jien li rawwamt u irfajt il-Lsien Malti, kont jien li f'żgħużitu nissilt fih l-imħabba tiegħu. Niżżih-ħajr: ma satâx jatina ġieh akbar: imma din m'hix ħlief tjieba tiegħu, għax iż-żerriegħa skond fejn tinxeħet. Tista' taqa' fuq il-blat u ma tinbetx, tista' tiġi qalb il-ħorrieq u l-ħorrieq joħnoqha, tista' ssib art tajba u trodd bil-mijiet! Dan għallmu Kristu. Is-Sur Cremona, mela, għandu jifhem li l-art tajba tiegħu, mhux iż-żerriegħa dgħajfa tiegħi, kienet!

G. M. A.

**Dal-ktieb jinbiegħ 3 soldi minn għand CRITIEN TAL-KOTBA, 34 Sda. Reale, il-Belt.**